MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 20/2011

**Ian Farrugia (ID 420073M)**

**vs**

**Avukat Generali**
**Kummissarju tal-Pulizija**
**Direttur Generali tal-Qorti**
**Ministru tal-Gustizzja u Intern**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat ta’ Ian Farrugia fejn ir-rikorrenti ppremetta:-

Illi l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Stuttorja fejn huwa gie akkuzat b’diversi reati fosthom dawk ta’ allegat serq u ricetazzjoni ta’ oggetti mill-fond residenza tal-Imhallef Dott. Giovanni

Bonello numru 129 Triq l-Ifran il-Belt Valletta. Illi l-allegata serqa kien indikat li sehhet fil-5 ta' April 2004.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Anthony Vella fil-31 ta' Mejju 2007 l-esponenti gie lliberat minn kull akkuza dedotta kontra tieghu. Illi f'dan il-process, kien hemm tul esegerat fil-proceduri minn naha tal-prosekuzzjoni u dana peress illi l-istess prosekuzzjoni baqghet tiddilunga l-proceduri biex ittella bhala xhud taghha lil ko-awtur iehor f'dan il-process, certu Joseph Portelli, illi d-dewmien mhux ragonevoli fil-proceduri certament li ma' sehhx htija tal-esponenti.

Illi wara dina s-sentenza, l-intimat Avukat Generali intavola appell, liema appell gie milqugh fuq punt proceduralі u mhux fil-mertu permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) per Imhallef Dott. Joseph Galea Debono. Illi per konsegwena ta' dina s-sentenza l-atti regghu gew rimandati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi wara li l-atti regghu gew quddiem l-Ewwel Qorti, l-esponenti kien instab dina d-darba hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu permezz ta' sentenza moghtija mill-Magistrat (dak iz-zmien illum Imhallef) Dott. Silvio Meli li fis-sentenza tieghu tal-10 t'Ottubru 2008 ikundanna lill-esponenti ghal seba' snin prigunerija.

Illi l-esponenti kien intavola appell mis-sentenza imsemmija, liema appell kien gie parzjalment milqugh u permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) per Imhallef Dott David Scicluna, l-esponenti kellu riduzzjoni fil-piena ghal dik ta' hames snin prigunerija. L-esponenti instab hati biss ta' ricetazzjoni u inoltre l-esponenti jikontendi bid-dovut rispett li l-piena fuqu inflitta ghas-sejbien ta' htija ta' dak ir-reat kien wiehed li vera kien fil-parametri tal-ligi, izda li kien ezegerat meta imqabbel mal-peina kundanata solitament f'reati simili.

Illi jekk wiehed jifli l-atti ser jinduna li f'dan il-process kien hemm dewmien esagerat fil-procedura u certament tali dewmien ma' jistax jinghad li kien wiehed ragjonevoli jew li kien htija tal-esponenti. Illi d-diferiment kwazi kollha kemm huma f'dawn il-proceduri kienu jew tort tal-prosekuzzjoni jew minhabba dewmien da parti ta' minn b'kull rispett kellu jiggudika.

Illi l-esponenti ghadu qed iservi l-piena fuqu nflitta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk meta wiehed jitkellem dwar rimedju certament li r-rimedju pekunjarju ma' huwiex ser iservi ta' ebda solljev jew ta' gustizzja mal-esponenti. Illi bid-dovut rispett l-uniku rimedju gust u ekwu fic-cirkostanzi ghandu jkun wiehed ta' tnaqqis mill-piena inflitta fuq l-esponenti.

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li fil-process gudizjarju hawn fuq indikat gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu billi ma' nghatax smiegh xieraq ragjonevoli u dana bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta; li, bhala rimedju effettiv, jigi ordnat li jitnaqqas il-perjodu ta' prigunerija li r-rikorrenti gie kundannat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) datata 28 ta' April 2010; f'kaz li ma' tigix milqugha t-tieni talba, jigi ordnat lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti dak il-kumpens pekunjarju li jkun xieraq u opportun; u li okkorendo jinghata kull provediment u/jew rimedju iehor li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Bl-ispejjez

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur Generali (Qrati) fejn gie sottomess:-

1. Illi d-Direttur Generali tal-Qorti m'huwiex il-leggitimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

2. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat dewmien ghal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata mid-Direttur Generali u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent qed jattribwixxi l-allegat dewmien ghall-prosekuzzjoni li mexxiet il-kaz u/jew ghall-Gudikant li ppresjeda l-proceduri u ghal dan in-nuqqas zgur li ma jsitax iwiegeb jew jigi tenut repsonsabbli l-esponenti. Ghal dan il-ghan l-epsonenti jirreferi ghal, u jaghmel tieghu, l-enuncjazzjonijiet imsemmija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza George Xuereb vs Registratur tal-Qorti et (Appell Numru 742/00) deciz 8/11/2004.

4. Illi l-esponenti Direttur Generali (Qrati) ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kin involut fil-materja u ghalhekk zgur li d-dewmien li minnu qed jilmenta r-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqs biss kien parti fil-proceduri.

5. Illi huwa risaput li l-Gudikatura hija roganu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li assolutament ma hemm ebda ksur tad-dritt ghal smeigh xieraq, sancit fl-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' malta, kif qed jilmenta r-rikorrent.

Ghalhekk l-eccipjenti qed jitlob li t-talbiet kollha tar-rikorrenti jigu mighuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra l-Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru tal-Gustizzja u Intern fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament il-Ministru tal-Gustizzja u Intern mhux il-legittimu kontradittur u gie mharrek inutilment a tenur ta’ l-Artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk ghandu jigu liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta’ l-intimati, stante li jirrizulta car li fil-konfront tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda dewmien mhux gustifikat fil-proceduri attribwibbli ghall-esponenti, specjalment in vista tal-fatt li kienet id-difiza stess responsabbli ghal diversi differimenti stante li opponiet kull darba ghas-smiegh tax-xhud Joseph Portelli, li ried jixhed volontarjament, nonostante li l-kaz tieghu kien ghadu mhux deciz, u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda ksur a tenur ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea *da parte* ta’ l-esponenti.

3. Illi huwa pacifiku li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta’ process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huwa l-komplessita’ tal-kaz, l-agir ta’ l-awtorita’ jew awtoritajiet relevanti – f’dan il-kaz l-agir tad-Difiza stess u ta’ l-awtorita’ gudizzjarja.

4. Illi d-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali inghatat fil-parametri tal-ligi u ghalhekk l-argument tar-rikorrent li l-piena kienet esagerata *“… meta imqabbel mal-piena kundannata solitament f’reati simili!”,* certament ma jreggix.

Ghalhekk l-eccipjenti qed jitolbu li t-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur jigu michuda stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini

ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Semghet lil Dr Elizabeth Quintano msejjha mill-intimat Direttur Generali tal-Qorti.

Semghet lill-Ispettur Jeffrey Azzopardi prodott mill-intimati.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota responsiva.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat l-atti annessi tal-process kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Ian Farrugia” deciza fit-28 ta’ April 2010 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta’ fatt**

B’dawn il-proceduri r-rikorrenti Ian Farrugia qed jallega li fil-process kriminali li ssubixxa quddiem il-Qorti kompetenti tal-Maġistrati, f’liema process huwa kien imputat bir-reati ta’ serq u riċetazzjoni, gew lezi d-drittijiet fondamentali tiegħu billi ma’ nghatax smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Ir-rikorrent Ian Farrugia kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat bl-imsemmija reati fosthom dak ta’ allegat serq u ricetazzjoni ta’ oggetti mill-fond residenza tal-Imhallef Dott. Giovanni Bonello numru 129 Triq l-Ifran il-Belt Valletta. L-allegata serqa kienet indikata li sehhet fil-5 ta’ April 2004. Illi b’sentenza moghtija mill-Magistrat Anthony Vella fil-31 ta’ Mejju 2007, ir-rikorrenti gie illiberat minn kull akkuza dedotta kontra tieghu.

**Rikors promotur u l-eccezzjoniet tal-intimati**

Fil-kawża odjerna, r-rikorrenti qed isostni li fl-imsemmi process kriminali kontra tiegħu, kien hemm tul esegerat fil-proceduri minn naha tal-prosekuzzjoni. Huwa jippremetti li l-prosekuzzjoni f'tattika sabiex ittawwal il-proċeduri biżejjed biex il-kawża kontra Joseph Portelli, liema kawza kienet pendenti quddiem Qorti oħra, tilħaq tispiċċa, u b'hekk l-imsemmi Portelli, li allegatament kien il-ko-awtur fir-reat in kwestjoni, jkun jista jixhed fil-kawża kontra r-rikorrent. Ghalhekk il-prosekuzzjoni tawlet ħafna l-imsemmija proċeduri pendenti kontra r-rikorrenti. Ir-rikorrenti jissottometti ukol li d-dewmien, li kien hemm fil-proceduri kontra tieghu, ma jistax jitqies li kien ragonevoli u ovvjament hu ma kienx responsabbli ghall-istess dewmien.

Wara li nghatat l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-31 ta' Mejju 2007, l-intimat Avukat Generali intavola appell. Ir-rikorrenti jghid li dan l-appell gie milqugh fuq punt procedurali u dana permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), u bhala konsegwena ta' din l-ahhar sentenza, l-atti regghu gew rimandati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Wara li l-atti regghu gew quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti instab hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u fl-10 ta' Ottubru 2008 ir-rikorrenti gie kundannat seba' snin prigunerija.

Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza imsemmija, u dan l-appell tieghu kien gie parzjalment milqugh, u b'hekk permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-piena inflitta fuq ir-rikorrenti giet ridotta ghal hames snin prigunerija stante li r-rikorrenti nstab hati biss ta' ricetazzjoni. Dwar din is-sentenza l-iment tar-rikorrenti hu li l-piena inflitta ghalkemm kienet taqa fil-pararametri tal-ligi, kienet waħda ezegerata meta imqabbla mal-piena solitament mogħtija f'reati simili.

Ir-rikorrenti inoltre jissottometti li d-dewmien esagerat fil-procedura kontra tiegħu huwa dovut għad-diversi

differimenti li talbet il-prosekuzzjoni kif ukoll minhabba dewmien da parti ta’ min kien qed jiggudika. Illi r-rikorrenti jirrileva ukoll li fil-mument ta’ din il-kawża kostituzzjonali huwa ghadu qed jiskonta l-imsemmija piena nflitta fuqu u ghalhekk ir-rikorrenti jissottometti li r-rimedju, wara li jinsab li l-imsemmija drittijiet fundamentali tieghu gew lesi, m’ghandux ikun wiehed pekunarju u l-uniku rimedju gust u ekwu fic-cirkostanzi ta dan il-kaz ghandu jkun wiehed ta’ tnaqqis mill-piena inflitta fuqu.

Illi l-intimat Direttur Generali tal-Qrati primarjament jeċepixxi illi huwa mhuwiex il-leġitimmu kontradittur u għandu ghalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-istess intimat jkompli jissottometti li r-rikorrent Farrugia jattribwixxi l-allegat dewmien ghall-agir tal-Prrosekuzzjoni u/jew ghall-Gudikant li ppresjeda l-proceduri u ghalhekk mhux qiegħed jattribwixxi l-allegat dewmien għal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata mid-Direttur Generali.

Illi l-konvenuti Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru tal-Ġustizzju u tal-Intern jeċepixxu preliminarjament illi l-Ministru tal-Gustizzja u Intern mhux il-legittimu kontradittur. Jeccepixxu ukoll li ma kien hemm l-ebda dewmien mhux gustifikat fil-proceduri attribwibbli ghalihom, u li kienet id-difiza stess li kienet responsabbli ghal diversi differimenti stante li opponiet kull darba ghas-smiegh tax-xhud Joseph Portelli. Inoltre l-isress intimati jissottomettu li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali nghatat fil-parametri tal-ligi u ghalhekk l-argument tar-rikorrent li l-piena kienet esagerata ma jreggix.

**Konsiderazzjonijiet ta’ ligi**

Qabel ma jigi konsidrat il-mertu ta’ dan ir-rikors, hu necessarju li din il-Qorti tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati Direttur Ġenerali Qrati (fol 9) u l-Minsitru tal-Ġustizzju u l-Intern (fol 13) fejn dawn jissottomettu li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi f’dawn il-proceduri.

L-artikolu 181B tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jistpula li l-Gvern hu rapprezentat fl-atti gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment rilevanti. Imbagħad, is-subinciz (2) jipprovdi li l-Avukat Generali jirrappresenta lill-Gvern f’dawk l-atti u azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Kif gia gie rilevat r-rikorrenti Farrugia jallega dewmien minhabba l-agir tal-prosekuzzjoni peress li l-istess prosekuzzjoni baqgħet tiddilunga l-proċeduri biex tkun tista tipproduci bhala xhud lill-ko-awtur Joseph Portelli, kif ukoll minhabba t-tmexxija tal-proceduri da parti tal-gudikant. Kwindi r-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat dewmien ghal xi agir attribwibbli għall-amministrazzjoni tal-Qrati, rappreżentata mill-intimat Direttur Generali tal-Qorti, li inoltre zgur li ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri li minnhom qiegħed jilmenta ir-rikorrenti. L-istess intimat lanqas ma kien involut b’xi mod fil-kawża. Id-Direttur tal-Qrati huwa inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux mill-operat tal-ġudikant, u dan peress illi l-ġudikatura hija indipendenti mill-eżekuttiv. Kwindi din l-eċċezzjoni kif sollevata mill-intimat Direttur tal-Qorti qiegħda tintlaqa u l-istess intimat qed jġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. rikorrent.

In oltre l-intimat Ministru tal-Ġustizzju u l-Intern ma jirrappresentax l-Istat f’azzjonijiet bhal dik in esami u kwindi l-eccezzjoni tal-imsemmi intimat fis-sens li huwa mhux il-legittimu kontradittur ukoll ghandha tigi milqugha, Kwindi il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern qed jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Ghalhekk jibqghu bhala intimati f’dawn il-proceduri l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija.

L-ilmenti kostituzzjonali tar-rikorrent huma fil-fatt tnejn, l-ewwel jilmenta minn tul esagerat fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u t-tieni illi l-piena fuqu inflitta wara li nstab hati nonostante li kienet entro l-parametri tal-liġi kienet wahda esaġerata meta tigi komparata mal-piena li solitament tingħata f’reati simili.

## Dewmien fil-proceduri

Il-Qorti tinnota li dawn l-proceduri presenti mhux intizi biex jerga' jigi ezaminat il-mertu tal-kawza kriminali cioe' mhux intizi biex jerga jigi esaminat jekk ir-rikorrenti kienx hati jew le tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda huma limitati sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Zgur li dawn il-proceduri m'ghandhomx jitqiesu li huma appell minn dak kollu li sar quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati. Dan qed jinghad anke in vista ta' dak li hu provdut fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Tinnota ukoll li din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali għandha s-setgha li, bhala rimedju, jekk tiġi stabbilita tali leżjoni li minnha jilmenta r-rikorrenti, tannulla s-sentenza li tkun inghatat fil-proceduri li jkunu wasslu ghall-istess sentenza.

B'mod partikolari d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent li skond huwa ġew leżi huma s-segwenti:-

(i) L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jiprovdi li kull "qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."

(ii) l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni li jipprovdi li "fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi …"

Kwindi, il-kawża kostituzzjonali odjerna għandha l-għan illi tara jekk il-proċess kriminali li minnu qiegħed jilmenta r-rikorrent kienx wieħed anti konstituzzjonali u anti konvenzjonali bi ksur tal-artikoli fuq ċitati.

Irid jibda sabiex jingħad illi fi process kriminali, si tratta mil-liberta` jew il-gieh tal-persuna akkużata, u għalhekk hu importanti, forsi ftit aktar minn fi process ċivili, illi l-proċeduri ma jitwalux aktar milli hu necessarju, (Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Lulju 2008, "David Marinelli vs. Avukat Generali et"). Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna, hemm tliet kriterji li għandhom jiġu ikkunsidrati sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk iż-żmien li fih ġie deċiż il-każ kienx wieħed raġonevoli jew le, kif mitlub mill-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni, ċitati hawn fuq. Dawn huma:-

**1. In-natura u/jew il-komplessita` tal-kaz in kwistjoni.**

Fl-eżami jekk kienx hemm ksur kostituzzjonali u konvenzjonali li jeħtieġilha tagħmel il-Qorti, hu li ma għandhiex tikkonsidra biss iż-żmien li ħadu il-proċeduri li minnhom jilmenta r-rikorrent, għaliex huwa aktar importanti li wieħed jara u jeżamina eżatt x'kien il-mertu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Kwindi, il-Qorti għandha tara jekk il-kawża kenitx xi waħda ikkumplikata jew diffiċli sabiex tiġi deċiża. Huwa rilevanti ukoll in-numru ta' xhieda li kellhom jinstemgħu.

**2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza.**

Il-Qorti jeħtieġilha tara jekk ir-rikorrent stess ikkontribwixxix għal dan l-allegat dewmien fil-proċeduri. Jekk ir-rikorrent kien b'xi mod responabbli għal xi dewmien li seta' kien hemm, allura l-Istat ma jistax ikun tenut responsabbli għal dewmien li huwa attribwibbli għall-aġir tar-rikorrenti.

**3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja stess.**

Hawnhekk ghandu jiġi speċifikat li kull Qorti għandha l-obbligu li tiżgura li l-kawża quddiemha timxi b'ċertu spedetezza. (Vide sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), tal- 14 ta' Marzu 2002, bl-ismijiet

“George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et” ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Novembru 2004 fejn intqal – “Pero jibqa’ l-fatt li parti mill-funzjonijiet u doveri ta’ kull ġudikant hu proprju li jara u jassigura li x-xogħol assenjat lilu jimxi b’mod normali u raġjonevoli. Hu għandu jara li kawżi quddiemu jiġu deċiżi bi speditezza u fi żmien raġjonevoli, u li ma jħalliex numru ta’ kawżi jakkumulawlu inutilment. Hu minnu li f’din il-funzjoni ta’ qadi tad-dmirjijiet ta’ kull ġudikant, wieħed għandu ukoll jikkunsidra ċ-ċirkostanzi tan-numru ta’ kawżi assenjati lilu, in-numru ta’ ġudikanti li qiegħdin hemm biex ilaħħqu man-numru ta’ kawżi pendent u oħrajn li jiġu introdotti, l-infrastruttura neċessarja li l-Istat obbligat li jipprovdi lil kull ġudikant sabiex dan jaqdi din il-funzjoni tiegħu bl-aktar mod adegwat, eċċetera. Pero huma x’inhuma dawn iċ-ċirkostanzi, hu dejjem mistenni minn kull ġudikant, preżunt professjonist responsabbli li jaf sewwa x’inhuma d-doveri tiegħu, li dan għandu jkun jaf x’sistema għandu juża biex jiddisponi mill-kawżi assenjati lilu bl-aħjar mod possibbli u bi speditezza raġjonevoli, u dan irrispettivament minn numru ta’ kawżi li għandu u n-natura tagħhom.”

Kwindi, kull ġudikant għandu jiżgura li jkun hemm spedetezza xierqa ghar-rigward tal-kawżi assenjati lilu u li dawn jiġu deċiżi fi żmien raġjonevoli għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, u in ottemporanza mal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti tal-kawża li minnha jilmenta r-rikorrent. Is-sekwenza kronoloġika tal-proċedura ġudizzjarja li minnha jilmenta r-rikorrent hija s-segwenti:-

Is-serqa saret fil-5 ta’ April 2004.
Il-Proċeduri quddiem il-Qorti Struttorja kienu hekk:-
Fis-7 ta’ Mejju 2004, saret il-Preżentata tal-akkuzat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti Struttorja ippreseduta minn Magistrat Dr. Miriam Hayman. Fl-ewwel seduta il-Qorti ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest ta’ Ian Farrugia u bdew jingabbru l-provi tal-prosekuzzjoni, billi xehed l-iSpettur Geoffrey Azzopardi.

Fl-20 ta' Mejju 2004,kompliet ittella' x-xhieda tagħha l-prosekuzzjoni. Il-Qorti reġgħet ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest.
Fis-7 ta' Lulju 2004 il-Prosekuzzzjoni ippruvat ittella bħala xhud lill-ko awtur Joseph Portelli u d-difiża oġġezzjonat peress li dan huwa l-ko awtur fi proċeduri pendenti. Il-Pulizija ressqet xhieda oħra tagħha.
Fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2004, xehed id-derubat Imħallef Giovanni Bonello u sar il-kontro eżami tiegħu mid-difiża.
Fit-23 ta' Lulju 2004, l-akkużat ingħata l-benefiċċju mill-ħelsien tal-arrest, b'kondizzjonijiet kif imposti mill-Qorti.
Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2004, is-seduti komplew bix-xhieda tal-prosekuzzjoni.
Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2004, ġiet ezibita r-relazzjoni tal-AIC Richard Aquilina li kien espert nominat fil-kors tal-inkjesta.
Fs-seduta tas-16 ta' Diċembru 2004, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti Istruttorja illi ma laħaqx ħarget it-taħrikiet lix-xhieda li kellhom jinstemghu u ghalhekk ma sar xejn.
Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2005, il-Qorti iddikjarat illi x-xhud Joseph Portelli ma kienx xhud li setgha jigi prodott. Il-Prosekuzzjoni iddikjaraw li baqalhom tliet xhieda x'jipproducu u l-Qorti ffissat sduta oħra biex jinstemghu dawn ix-xhieda. Fi-seduta tas-7 ta' April 2005, il-Prosekuzzjoni pproduciet xhud wiehed taghha. Fis-seduta tal-14 ta' April 2005, ittella xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni.
Fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2005, ix-xhieda li kellhom jigu prodotti mill-Prosekuzzjoni ma deherux.
Fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2005, il-Prosekuzzjoni talbet li jinħatar espert sabiex jevalwa l-ħsara li saret fuq il-pitturi li kienu nsterqu.
Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2005, gie prodott xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni iddikjarat li fadlilha biss xhud wieħed, u ċioe il-ko awtur Joseph Portelli.
Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2005, ma sar xejn.
Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2006, ma sar xejn.
Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2006, il-Prosekuzzjoni reġgħet tenniet illi jonqosha bħala xhud lil Joseph Portelli.
Fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2006, il-Qorti ikkundanat l-aġir tal-Avukat Ġenerali li baqa jitlob li jittella x-xhud Joseph

Portelli peress li tali agir kien qiegħed joħloq dewmien bla bżonn.
Fis-seduta tat-22 ta’ Ġunju 2006, ma sar xejn u l-Qorti ordnat li jintbagħat il-verbal tal-4 ta’ Mejju 2006 lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.
Fis-seduta tal-10 ta’ Awwissu 2006, ir-rikorrent għażel illi l-kawża tiegħu tiġi ttrattata mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-Prosekuzzjoni iddikjarat li fadlilha bħala xhud lil Joseph Portelli.
Fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2006, il-Qorti iddikjarat li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu magħluqa.
Fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 2006, ma tressqu ebda xhieda izda l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tiehu vizjoni ta’ proċess pendenti fl-Appell fl-ismijiet Il-Il-“Il-Pulizija vs Joseph Portelli.”.
Fis-seduta tal-14 ta’ Diċembru 2006, il-kawża giet differita.
Fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2007, l-akkużat talab differiment.
Fis-seduta tal-1 ta’ Marzu 2007, il-kawża giet differita għall-provi tad-difiża.
Fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2007, gie prodott xhud mid-difesa.
Fis-seduta tas-26 ta’ April 2007, tressqu xhieda mid-difiża.
Fl-10 ta’ Mejju 2007 tressqu x-xhieda tad-difiża. Id-difiża ittrattat il-kawża.
Fil-21 ta’ Mejju 2007 ġiet ippreżentata n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Fis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2007, il-kawża giet differita għas-sentenza.
Fil-31 ta’ Mejju 2007, ingħatat is-sentenza,li biha l-akkużat ġie illiberat mill-akkużi dedotti kontra tiegħu.

L-Appell ġie appuntat għall-20 ta’ Settembru 2007, pero id-difiża talbet differiment. Fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2007, l-appell ġie ittrattat u l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza. Fis-sentenza taghha il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali u annullat is-sentenza appellata. Il-Qorti tal-Appell reġgħet bagħtet l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti Struttorja biex tisma lil Joseph Portelli u sabiex il-kawża titkompla minn hemm. Fit-13 ta’ Novembru 2007, il-kawża reġgħet marret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Fil-14_ta’ Novembru 2007, ma sar xejn. Fis-seduta tal-11 ta’ Diċembru, 2007, l-

imputat ma deherx u ghalhekk ma sar xejn. Illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2008, xehed il-ko-awtur Joseph Portelli. Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2008, il-prosekuzzjoni għalqu bil-provi tagħhom. L-akkużat għażel li l-kawża tiegħu tinstema mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-kawża tħalliet għall-provi tad-difiża. Illi fis-seduta tad-29 ta' Frar 2008, xehed l-imputat. Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2008, xehed Joseph Portelli in kontro eżami. Fuq talba għal differiment mill-akkużat, il-kawża tħalliet għas-16 ta' Mejju 2008 meta d-difiża għalqet il-provi tagħha. Il-partijiet ittrattaw il-kawża bin-noti ta' sottomissjonijiet. Il-kawża ġiet deċiża fl-10 ta' Ottubru 2008. L-akkużat ġie ikkundannat għal seba' snin ħabs.

L-akkużat appella minn din id-deċiżjoni. L-appell instema għall-ewwel darba fl-1 ta' April 2009, f'liema.seduta l-appell gie differit has-sentenza. Il-kawza eventwalment giet deciza fit-28 ta' Apil 2008 wara li thalliet ghal xi drabi ghas-sentenza. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet li tirriforma s-sentenza billi rrevokatha u ikkundannat lir-rikorrent għal ħames snin ħabs.

In vista ta' dan kollu l-Qorti ser tqis iċ-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz sabiex tiddeċiedi r-ragonevolezza o meno taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz. Ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Mejju 2004. Fir-rikors kostituzzjonali tiegħu, ir-rikorrent jgħid hekk –"*Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Anthony Vella fil-31 ta' Mejju 2007 l-esponenti gie lliberat minn kull akkuza dedotta kontra tieghu. Illi f'dan il-process, kien hemm tul esegerat fil-proceduri minn naha tal-prosekuzzjoni u dana peress illi l-istess prosekuzzjoni baqghet tiddilunga l-proceduri biex ittella bhala xhud taghha lil ko-awtur iehor f'dan il-process, certu Joseph Portelli, illi d-dewmien mhux ragonevoli fil-proceduri certament li ma' sehhx htija tal-esponenti*

Il-perjodu rilevanti għall-finijiet tal-kawża odjerna hu dak li jibda mis-7 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Mejju 2007, meta ingħatat l-ewwel sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.

Minn eżami akkurat tal-proċess tal-kawża in kwistjoni, jirriżulta li l-mertu tal-kawza kriminali ma kienx xi wieħed ikkomplikat jew diffiċli. Jirriżulta ukoll illi ma kienx hemm xi numru sostanzjali ta' xhieda li kellhom jinstemgħu. Jiġi osservat pero illi kien hemm xhud li l-Prosekuzzjoni ippruvat ittella diversi drabi sabiex jixhed, imma fuq oġġezzjoni tad-difiża, u imbagħad b'ordni tal-Qorti, dan ma nstemax għaliex ġie iddikjarat inamissibbli. Nonostante li jista jkun li l-Prosekuzzjoni seta' kellha interess li l-proċeduri tar-rikorrent jittwalu sabiex tkun tista tiġi deċiża l-kawża kontra l-allegat ko-awtur fir-reati in kwestjoni sabiex dan tal-ahhar ikun jista jixhed fil-proceduri in kwestjoni kontra r-rikorrenti, l-Qorti laqghet għal dan l-fatt billi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2006, il-Qorti iddikjarat li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu magħluqa. Wara s-seduta tas-17 ta' Frar 2005, meta il-Qorti iddikjarat illi x-xhud Joseph Portelli ma kienx xhud producibbli kien hemm ħames seduti oħra fejn kull ma għamlet il-prosekuzzjoni kien li ippruvat tressaq bħala xhud lil Joseph Portelli, u ċioe is-seduta tat-23 ta' Settembru 2005, tas-17 ta' Novembru 2005, tad-19 ta' Jannar 2006, tad-9 ta' Marzu 2006, tat-22 ta' Ġunju 2006. Hawnhekk irid jingħad illi dawk il-ħames seduti fejn intalab differimenti mill-Prosekuzzjoni sabiex jittella x-xhud Joseph Portelli ma jikkostitwixxiex xi numru essaġerat ta' differimenti. Imbagħad fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2006, il-Qorti iddikjarat l-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqa.

Il-Prosekuzzjoni b'kollox ħadet għoxrin seduta sabiex ipproduciet il-provi taghha sakhemm fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2006 il-Qorti ddikjarat li l-provi tal-Proskuzjoni kienu maghluqin. Da parti tagħha, id-difiża ħadet sebgħa seduti. Id-differimenti bejn seduta u oħra ma kenux ikunu differimenti fit-tul. Fis-seduti li kienu jinżammu, bl-eċċezzjoni tad-differimenti bejn is-17 ta' Frar 2005 u d-19 ta' Ottubru 2006, kienu jittellgħu xhieda b'regolarità u kien hemm użu tajjeb mis-seduti allokati għal din il-kawża. Minkejja illi da parti tal-prosekuzzjoni u l-Avukat Generali kien hemm dawn d-differimenti imsemmija sabiex jittella jixhed Joseph Portelli, il-kawza xorta waħda ingħalqet mill-prosekuzzjoni entro żmien raġonevoli.

Mela f'kawża li ma kienet tippreżenta ebda diffikultà partikolari, ebda kumplikazzjoni jew komplessità, perjodu ta' sitta u tletin xahar biex il-proċess jiġi deċiż hu żmien raġonevoli u ġustifikat. Ma hemm xejn f'dan it-tul ta' żmien li jindika vjolazzjoni tad-dritt kostituzzjonali li wieħed għandu jkollu smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli.

Minn din il-ħarsa akkurata lejn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, ma jistax jingħad illi kien hemm xi tul eżaġerat tal-kawza. It-tul tal-kawża jirrifletti in-natura tal-kaz – u ċioe waħda li ma kenitx daqshekk komplessa li fil-fatt ħadet it-tul li kien jimmeritala

Kwindi ma hemm ebda raġuni għala din il-Qorti ghandha thassar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali, specjalment meta tqis li s-sentenza ta` din il-Qorti hi gusta u ma inghatatx bi ksur ta` xi principju legali jew ta` xi dritt fundamentali tar-rikorrent, jew tipprovdi somma ta` flus bhala kumpens ghad-dewmien fis-smiegh tal-kawza. Anke kieku instab li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif jilmenta l-istess rikorrenti fic-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz ir-rimedju l-aktar idoneu kien ikun hlas ta' ammont ta flus lir-rikorrenti u zgur ma kienx ikun tnaqqis fil-piena subita mir-rikorrenti.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-piena inflitta fuqu għas-sejbien tal-ħtija, minkejja li kienet fil-parametri tal-liġi, kienet waħda esaġerata meta mqabbla mal-piena li solitament tingħata f'reati simili, jista jingħad dan li ġej:-.

Jibda sabiex jiġi osservat hawnhekk illi minkejja illi r-rikorrent ma jispeċifikax dwar liema piena huwa qiegħed jilmenta, wieħed għandu jifhem illi dan qiegħed jilmenta mill-piena kif mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' April 2010, li naqqset il-priġunerija imposta fuq ir-rikorrent minn sebgħa snin għal ħames snin.

Il-piena li tingħata mill-Qorti, ovvjament wara li jkun hemm is-sejbien tal-ħtija, hija fid-diskrezzjoni kompleta ta' dik il-Qorti, ovvjament sakemm din tkun fil-parametri tal-liġi. Jigi ribadit li, kif jammetti l-istess rikorrenti, l-piena inflitta

kienet fil-limiti li timponi l-ligi fil-kaz tar-reati in kwestjoni. Ghalhekk din il-Qorti ssib li bl-ebda mod ma gie lez xi dritt fondamentali tar-rikorrenti fil-proceduri kriminali in kwestjoni li ttiehdu kontra r-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tiddikjara li fil-process gudizjarju in kwestjoni ma gewx lezi d-drittijiet fondamentali tal-rikorrenti stante li jirrizulta li huwa nghata smiegh xieraq fi żmien ragjonevoli u dana in ottemporanza tal-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Art 39 tal-Kostituzzjonali ta’ Malta. Kwindi tilqa l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-intimati u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Tillibera lill-intimati Direttur tal-Qrati u Ministru tal-Gustizzja u Intern mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma mhumiex il-legittimi kontradittturi.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------